Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Mejju 2017**
**(OR. en)**

**8714/1/17**
**REV 1 ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2013/0306 (COD)**

**CODEC 702**
**EF 87**
**ECOFIN 323**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fondi tas-suq monetarju **(L-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>= Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu**

Il-Lussemburgu jappoġġa l-objettiv ġenerali tar-regolament dwar il-fondi tas-suq monetarju sabiex il-kategoriji kollha tal-MMFs isiru aktar sikuri u robusti, fid-dawl tar-rwol ewlieni li għandhom l-MMFs fil-finanzjament tal-ekonomija reali.

Is-sitwazzjoni fejn l-MMFs li jiġu distribwiti esklużivament lil investituri 'l barra mill-UE u fejn MMFs jiġu strutturati bħala master-feeders mhijiex indirizzata tajjeb fir-regolament.

Kwota tad-dejn tal-UE għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku kif imsemmi fil-klawżola ta' reviżjoni hija legalment disputabbli, toħloq preċedent dubjuż u tispiċċa biex tostakola l-iżvilupp ta' din il-kategorija ta' MMFs. Tali approċċ iċċentrat fuq l-UE jinjora l-fatt li s-suċċess fl-industrija tal-ġestjoni tal-assi hu fil-biċċa l-kbira dovut għall-perspettiva globali tagħha.

Hu probabbli li r-regolament jipperikola l-vijabbiltà ta' xi kategoriji ta' MMFs fuq medda twila ta' żmien, u b'hekk jirriskja li jeqred sorsi siewja ta' finanzjament ibbażati fuq is suq. Dan imur kontra l-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Lussemburgu jivvota kontra r-regolament dwar il-fondi tas-suq monetarju.